PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Abbozz ta' Rapport
mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern dwar id-delegazzjoni li żaret iċ-ċentri għal dawk li jfittxu l-ażil u għall-immigranti fir-Renju Unit

RAPPORTEUR: Panayiotis DEMETRIOU

INTRODUZZJONI

Delegazzjoni ta' erba' MEPs (ara lista ta' parteċipanti – anness 1) ivvjaġġaw lejn ir-Renju Unit, fejn ingħaqdu magħhom tliet MEPs oħra (ara lista ta' parteċipanti – anness 1) li kienu diġà qegħdin hemm u li pparteċipaw f'parti miż-żjara. Il-missjoni kienet immexxija mis-Sinjura Martine ROURE (PSE) u r-rapporteur kien is-Sur Panayiotis DEMETRIOU (EPP-ED). Iż-żjara saret fil-21, it-22 u t-23 ta' Novembru 2007.

L-iskop ta' din id-delegazzjoni kien li tiġi analizzata s-sitwazzjoni preżenti taċ-ċentri ta' detenzjoni ta' l-immigrazzjoni u li tiġi aċċertata direttament is-sitwazzjoni dwar l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu ażil u ta' l-immigranti irregolari fir-Renju Unit u li ssir evalwazzjoni ta' kif id-direttivi u r-regolamenti Ewropej relevanti qed jiġu implimentati:

- Direttiva tal-Kunsill 2003/9/KE tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu ażil [1] (Direttiva dwar l-Akkoljenza)
- Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE ta' l-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' refuġjat [2] (Direttiva dwar il-Proċeduri)
- Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz [3] (Regolament ta' Dublin II)

Għal dan il-għan, id-delegazzjoni pprogrammat skambji ta' opinjonijiet ma' l-awtoritajiet tal-gvern u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili (anness 2) [4].

Iż-żjara kienet waħda minn serje ta' żjarat minn membri tal-Kumitat LIBE biex jaraw mill-qrib il-kondizzjonijiet li fihom qed jinżammu l-immigranti f'diversi Stati Membri ta' l-UE.

[1] *Ġurnal Uffiċjali L 031 , 06/02/2003 P. 0018 – 0025*
[2] *Ġurnal Uffiċjall L 326 , 13/12/2005 P. 0013 – 0034*
[3] *Ġurnal Uffiċjali L 050 , 25/02/2003 P. 0001 - 0010*
[4] Il-programm taż-żjara anness 2

Din iż-żjara fir-Renju Unit segwiet delegazzjonijiet simili lejn l-Italja (Lampedusa), Spanja (Ċeuta u Melilla, Gżejjer Kanarji), Franza (Pariġi), Malta, il-Greċja (Samos u Ateni) u l-Belġju.

Iż-żjara ffokat fuq tliet ċentri:

- iċ-Ċentru għall-kontroll ta' l-Immigrazzjoni Yarl's Wood[1] (Clapham)
- iċ-Ċentru għall-Akkoljenza ta' l-Immigrazzjoni Oakington[2] (qrib Bedford)
- iċ-Ċentru għall-kontroll ta' l-Immigrazzjoni Harmondsworth[3] (qrib l-Ajruport ta' Heathrow)

Qabel ma żaret dawk iċ-ċentri, id-delegazzjoni rċeviet tagħrif sostanzjali minn organizzazzjonijiet u NGOs attivi fil-qasam ta' l-immigrazzjoni u l-ażil, bħall-AVID (Assoċjazzjoni tal-Viżitaturi ta' l-Immigranti Detenuti), il-Kunsill tar-Refuġjati, is-Servizz tal-Ġiżwiti għar-Refuġjati, il-Barbed Wire Britain, il-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Bniedem ta' l-Irlanda ta' Fuq, li lilhom id-delegazzjoni tixtieq tirringrazzja.

Saret ukoll laqgħa f'Londra ma' diversi organizzazzjonijiet[4] involuti fi żjarat lil nies miżmuma fiċ-ċentri ta' detenzjoni.

Qabel ma saret iż-żjara tad-delegazzjoni, il-parteċipanti ngħataw ir-rapporti li ġew abbozzati mill-HM Kap Spettur tal-Ħabsijiet, wara l-ispezzjonijiet li għamlet hi fit-tliet ċentri. Ingħataw ukoll rapporti mill-Bordijiet ta' Sorveljanza Indipendenti.

Id-delegazzjoni kienet akkompanjata mis-Servizz Awdjoviżiv tal-Parlament Ewropew li kien qed jaħdem ma' l-ekwipaġġ tat-TV lokali. L-idea kienet li tiġi ppreżentata dik l-attività Ewropea permezz ta' l-Ewropa bis-Satellita[5] (EbS). Iż-żjara ngħatat rappurtaġġ tajjeb mill-istampa. Il-ġurnalisti ma tħallewx jidħlu fiċ-ċentri. L-MEPs taw konferenza stampa fl-aħħar ġurnata.

L-ISFOND

Fl-2005, il-gvern Ingliż ħareġ bi pjan ta' ħames snin biex tiġi implimentata politika ġdida dwar l-ażil u l-immigrazzjoni. Din kienet tinvolvi l-iżjed l-implimentazzjoni ta' Mudell Ġdid ta'Ażil inkluża proċedura Mgħaġġla għall-ipproċessar ta' xi applikazzjonijiet ta' dawk li jfittxu l-ażil u żieda fin-numru ta' tneħħijiet u deportazzjonijiet għal dawk in transitu jew li l-proċess ta' l-ażil tagħhom ġie eżawrit.

L-Aġenzija tal-Fruntieri u l-Immigrazzjoni (BIA), aġenzija eżekuttiva tal-Home Office, kienet, fiż-żmien meta saret iż-żjara mill-membri tal-Parlament Ewropew, responsabbli għall-kontroll tal-fruntieri, l-immaniġġjar ta' l-immigrazzjoni fir-Renju Unit u l-kunsiderazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-permess biex wieħed jibqa' fil-pajjiż, għaċ-ċittadinanza u għall-ażil.

[1] Yarl's Wood Immigration Removal Centre, Twinwoods Road, Clapham, Bedfordshire, MK41 6HL
[2] Oakington Barracks, Longstanton, Cambridgeshire, CB4 5EJ
[3] Harmonsworth Immigration Removal Centre
Colnbrook by Pass, Harmondsworth, West Drayton, UB7 0HB
[4] Il-lista ta' l-organizzazzjonijiet rappreżentati fil-laqgħa tinsab fl-anness 3.
[5] EbS hu l-istazzjoni tat- TV ta' l-Istituzzjonijiet Ewropej, li jipprovdi filmati b'xejn u stejjer qosra lill-mezzi tax-xandir interessati fl-aħbarijiet ta' l-UE.

Fl-14 ta' Novembru 2007, il-Prim Ministru ħabbar il-ħolqien ta' organizzazzjoni ġdida fl-2008 li se tieħu post l-Aġenzija tal-Fruntieri u l-Immigrazzjoni. L-Aġenzija tal-Fruntieri tar-Renju Unit ġdida se tinkorpora x-xogħol kollu ta' l-Aġenzija tal-Fruntieri u l-Immigrazzjoni u l-viżas tar-Renju Unit u x-xogħol tal-persunal ta' l-HM id-Dħul tal-Finanzi u d-Dwana fuq il-fruntiera.

Ir-Renju Unit iżomm mal-Konvenzjoni ta' Ġinevra ta' l-1951 rigward l-Istatus tar-Refuġjati, mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bnidem, li timpedixxi li persuni jintbagħtu f'pajjiżi fejn hemm riskju reali li se jiġu esposti għat-tortura, jew trattament jew kastigi inumani jew degradanti.

Ir-Renju Unit kien għamel riserva għall-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tat-Tfal[1] rigward tfal li ma tħallewx jidħlu u jibqgħu fir-Renju Unit.

Id-direttivi u r-regolamenti Ewropej dwar l-ażil japplikaw għar-Renju Unit (id-Direttiva dwar l-Akkoljenza, id-Direttiva dwar il-Proċeduri u r-Regolament ta' Dublin II imsemmija qabel). Madankollu, skond ir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea ta' Novembru ta' l-2007[2], ir-Renju Unit hu fost l-Istati Membri ta' l-UE msemmija mill-Kummissjoni li ma japplikawx id-Direttiva dwar l-Akkoljenza fiċ-ċentri ta' detenzjoni. Il-Kummissjoni tfakkar li d-Direttiva ma tippermettix eċċezzjonijiet dwar l-applikabilità tagħha u li d-dispożizzjonijiet tagħha għandhom japplikaw għal kull tip ta' dar jew bini, inklużi ċentri ta' detenzjoni.

Proċedura ta' l-ażil

Meta persuna tasal fir-Renju Unit mingħajr id-dokumenti ta' l-ivvjaġġar meħtieġa, il-persuna tiġi interrogata dwar ir-raġuni wara n-nuqqas tad-dokumenti. Jekk ikun hemm raġuni valida għax m'għandhiex id-dokumenti, il-persuna tista' titpoġġa f'ċentru ta' l-akkoljiment.

Madankollu, f'każ ta' dokumenti foloz jew spjegazzjonijiet bla bażi dwar in-nuqqas tad-dokumenti relevanti meħtieġa, il-persuni jistgħu jiġu mħarrka u jistgħu anke jintbagħtu l-ħabs. Wara li jkunu l-ħabs, dawn il-persuni (ħabsin ta' nazzjonalità barranija) jitqiegħdu f'ċentri ta' detenzjoni u jistennew li jintbagħtu lura lejn il-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom.

Nies li mill-ewwel jitqiesu li m'għandhomx id-dritt għall-ażil jistgħu jitqiegħdu f'detenzjoni sabiex jintbagħtu lura malajr lejn pajjiżhom.

Minoranza ta' l-applikanti għall-ażil (sa 30% skond il-mira tal-gvern kif stabbilita fl-Istrateġija ta' Ħames Snin dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil) jistgħu jinżammu f'wieħed mill-10 ċentri għall-kontroll ta' l-immigrazzjoni jekk l-Uffiċjali ta' l-Immigrazzjoni jemmnu li hemm riskju li jaħarbu mill-pajjiż, jekk huma ġejjin mill-pajjiżi hekk imsejħa siguri[3] li għalihom

[1] Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra ta' l-1951 rigward l-Istatus tar-Refuġjati, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal – ir-Renju Unit għamel riserva: *"(ċ) Ir-Renju Unit jirriserva d-dritt li jadotta din il-leġiżlazzjoni, sakemm tirrigwarda d-dħul, id-dewmien u t-tluq mir-Renju Unit ta' dawk il-persuni li m'għandhomx id-dritt taħt il-liġi tar-Renju Unit li jidħlu u jibqgħu fir-Renju Unit, u li jakkwistaw u jkollhom iċ-ċittadinanza, kif jara li hu meħtieġ minn żmien għal żmien.*

[2] Rapport mill-Kummissjoni għall-Kunsill u għall-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/9/KE tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxuażil, KUMM(2007) 745 finali

[3] Ara l-lista fl-anness 4

japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-appelli mhux sospensivi (NSA), jew jekk huwa mistenni li l-applikazzjoni tagħhom tista' tinħeles malajr u, f'każ ta' rifjut, jistgħu sussegwentament jintbagħtu lura lejn il-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom. Dawk li jirrikjedu livelli iżjed għolja ta' sigurtà u kontroll jistgħu jinżammu f'għadd ta' stabbilimenti li jservu ta' ħabs. Fl-Irlanda ta' Fuq, peress li m'hemmx faċilitajiet dedikati għad-detenzjoni, dawk li jfittxu l-ażil jinżammu fil-ħabsijiet.

Applikazzjonijiet għall-ażil jistgħu jsiru fil-punt tad-dħul fir-Renju Unit jew, jekk il-persuna tinsab diġà fil-pajjiż, lill-unità għall-i*screening* ta' l-ażil, immexxi mill-BIA, jew fi Croydon jew f'Liverpool.

Il-persuna tista' tinżamm arrestata waqt li l-applikazzjoni tkun qed tiġi kkunsidrata.

Sa minn Marzu ta' l-2007, l-applikazzjonijiet għall-ażil ġodda kollha qed jiġu mmaniġġjati permezz ta' sistema li tallokahom ma' persuna waħda li tieħu ħsieb kull aspett ta' l-applikazzjoni mill-bidu sa l-aħħar. Din il-persuna tkun magħrufa bħala *sid il-każ*.[1]

Sid il-każ ikun responsabbli biex:

- jintervista l-applikant għall-ażil;
- jieħu d-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni;
- jieħu f'idejh kwalunkwe appoġġ li l-applikant ikun intitolat li jirċievi;
- jipprovdi d-dokumenti uffiċjali;
- jirrappreżenta l-Aġenzija tal-Fruntieri u l-Immigrazzjoni jekk l-applikant jagħmel appell legali;
- jieħu ħsieb l-integrazzjoni fil-ħajja fir-Renju Unit, jew ir-ritorn fil-pajjiż ta' l-oriġini, volontarjament jew permezz ta' tneħħija infurzata.

Hemm diversi stadji fit-trattament ta' l-applikazzjoni għall-ażil:

1. Intervista Qasira - 'screening'. Il-persuna tiġi rreġistrata bħala applikant għall-ażil u jibda l-proċess ta' l-applikazzjoni għall-ażil. L-applikant hu mistenni li jipproduċi l-passaport jew id-dokument ta' l-ivvjaġġar sabiex tiġi stabbilita l-identità tiegħu/tagħha u biex tiġi msaħħa l-applikazzjoni. Jittieħdu l-marki tas-swaba', ritratt, u kwalunkwe tagħrif ieħor dwar l-identifikazzjoni fiżika. Jiġu mistoqsija xi mistoqsijiet bażiċi dwar l-applikazzjoni. Jista' jiġi pprovdut interpretu jekk l-applikant ikollu bżonn wieħed.

   Skond kif imur l-i*screening*, u qegħdin nassumu li r-Renju Unit hu responsabbli għall-ipproċessar tat-talba, l-applikanti jistgħu jsibu l-akkomodazzjoni tagħhom ma' familjari jew ħbieb, jew jidħlu f'ċentru ta' induzzjoni jew jiġu detenuti f'wieħed miċ-ċentri għall-kontroll ta' l-immigrazzjoni.

   Il-persuni jistgħu jiġu detenuti fi kwalunkwe stadju ta' l-applikazzjoni tagħhom għall-ażil.

[1] Sid il-każ jimmira li jikkonkludi l-applikazzjoni fi żmien sitt xhur, inklużi l-appelli. Dan ifisser li fi żmien sitt xhur, il-persuna tibda l-integrazzjoni fil-ħajja fir-Renju Unit, jekk l-applikazzjoni tkun ta' suċċess, jew tirritorna d-dar, volontarjament jew bit-tneħħija infurzata, jekk l-applikazzjoni ma tkunx ta' suċċess.

2. L-intervista sħiħa tipprovdi l-uniku ċans biex persuna tispjega lill-BIA il-biża' li tirritorna lejn il-pajjiż ta' l-oriġini, biex tipprovdi evidenza u karti li jsaħħu l-applikazzjoni tagħha.

   Wara l-intervista, l-awtoritajiet ta' l-immigrazzjoni jistgħu jżommu l-applikant, jew jirrakkomandaw kontinwazzjoni tad-detenzjoni jekk iħossu li l-każ jista' jiġi deċiż malajr jew jekk iħossu li l-applikant se jaqta' l-kuntatt, jew jistgħu jagħtu dħul temporanju fir-Renju Unit, normalment b'kondizzjonijiet ta' rrappurtar filwaqt li jistennew li ssir deċiżjoni fuq il-każ.

3. Sid il-każ jimmira li jagħti deċiżjoni lill-applikant f'madwar 30 ġurnata mid-data li fiha tkun saret l-applikazzjoni. Hu/hi jibbaża/tibbaża d-deċiżjoni fuq l-intervista ta' l-ażil, kwalunkwe evidenza pprovduta, u t-tagħrif li l-BIA għandha dwar il-pajjiż ta' l-oriġini.

4. Jekk sid il-każ jiddeċiedi li m'hemmx raġunijiet biex jingħata l-ażil, l-applikant għandu d-dritt ta' l-appell quddiem it-Tribunal ta' l-Ażil u l-Immigrazzjoni, li hu indipendenti mill-Aġenzija tal-Fruntieri u l-Immigrazzjoni. Hemm żmien limitat biex isir l-appell.

5. F'każijiet fejn l-applikazzjoni għall-ażil tiġi rifjutata, l-applikant jista' jkun li jkollu jirrapporta lill-BIA regolarment. Jekk il-persuna ma tirrapportax lill-BIA meta meħtieġ, tista' tiġi detenuta.

Appelli mhux sospensivi (NSA)

F'xi każi – jekk ma jkunx hemm bażijiet biex jintalab l-ażil ('talba b'mod ċar bla bażi') u jekk l-applikant ikun ġie minn ċertu pajjiżi klassifikati – il-persuna ma jkollhiex id-dritt li tappella waqt li tkun għadha fir-Renju Unit. Il-persuna titneħħa mill-pajjiż u jkollha tmexxi kwalunkwe appell minn barra r-Renju Unit.

Dan it-tip ta' appell huwa 'appell mhux sospensiv' u l-pajjiżi konċernati huma magħrufa bħala 'pajjiżi nominati għall-appelli mhux sospensivi'.

Is-sistema Mgħaġġla tiġi applikata għal uħud minn dawk li jfittxu l-ażil: il-persuni li ġejjin minn pajjiż li hu meqjus bħala "pajjiż sigur" [1] (Pakistan, Indja, eċċ) jirċievu d-deċiżjoni li se jintbagħtu lura lejn pajjiżhom. Huma jistgħu jappellaw kontra d-deċiżjoni, iżda l-appell tagħhom mhux wieħed sospensiv. Għaldaqstant, huma jintbagħtu lura u jistgħu jitolbu appell mill-pajjiż tagħhom.

Ċentri tad-detenzjoni

Fil-preżent hemm 10 ċentri għall-kontroll ta' l-immigrazzjoni miftuħa madwar ir-Renju Unit b'kapaċità totali ta' 2,541 post.

Iċ-ċentri ta' detenzjoni fejn saru ż-żjarat jilqgħu persuni li qed jistennew biex jiġu deportati:

[1] Ara l-lista fl-anness 4

- persuni li ma ngħatawx l-ażil, li waslu fi tmiem il-proċedura tagħhom u qed jistennew li jitneħħew,
- persuni li t-talbiet tagħhom għall-ażil qed jiġu assessjati,
- immigranti li ma tħallewx joqogħdu fir-Renju Unit
- Ħabsin ta' Nazzjonalità Barranija.

Il-prijorità fir-Renju Unit bħalissa hi t-tneħħija ta' Ħabsin ta' Nazzjonalità Barranija – fi kliem ieħor, kriminali kkundannati li l-Home Office qed jipprova jiddeporta lejn il-pajjiżi minn fejn ġew. Għal din ir-raġuni, madwar 1,200 post huma mogħtija għal din it-tip ta' detenzjoni – kważi nofs il-postijiet disponibbli.

Il-biċċa l-kbira tal-faċilitajiet tad-detenzjoni huma mmexxija minn kumpaniji privati. Parti mid-delegazzjoni wriet it-tħassib tagħha li hu meħtieġ li jiġu definiti b'mod iżjed ċar ir-responsabbiltajiet tal-kumpaniji privati u ta' l-awtoritajiet pubbliċi fil-proċeduri tat-tneħħija.

- Yarl's Wood u Oakington: il-Kuntrattur GSL UK Ltd
- Harmondsworth: UKDS (Servizz tad-Detenzjoni tar-Renju Unit)

Hemm ċentri ġodda ppjanati: ċentru ġdid qrib Gatwick - Brook House – b'450 spazju (2008) u ċentru ieħor ġdid - 2009 – bi 350 spazju.

Id-dewmien tad-detenzjoni huwa bla limitu.

Fir-rapport tagħha ta' Novembru ta' l-2007 dwar l-applikazzjoni tad-direttiva dwar l-Akkoljenza[1], il-Kummissjoni tfakkar li peress li *d-detenzjoni hija eċċezzjoni għar-regola ġenerali tal-moviment liberu, li tista' tintuża biss meta "jiġi ppruvat li hi meħtieġa", detenzjoni awtomatika mingħajr ebda evalwazzjoni tas-sitwazzjoni tal-persuna konċernata hija kuntrarja għad-Direttiva. Barra dan, it-tul tad-detenzjoni, minbarra f'każijiet ġustifikati kif għandu jkun (eż: ordni pubblika), li tirrestringi lil dawk li jfittxu aż̀il u li jkunu detenuti milli jgawdu d-drittijiet garantiti taħt id-Direttiva, huwa wkoll kuntrarju għad-dispożizzjonijiet tagħha.*

Persuni vulnerabbli

Peress li jridu jiġu indirizzati l-bżonnijiet speċjali ta' persuni vulnerabbli li jfittxu l-aż̀il, l-artikolu 17 tad-Direttiva dwar l-Akkoljenza jipprovdi bil-quddiem li l-Istati Membri huma obbligati li jidentifikaw dawn il-bżonnijiet.

[1] Rapport mill-Kummissjoni għall-Kunsill u għall-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/9/KE tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu aż̀il, KUMM(2007) 745 finali

Fir-rapport tagħha dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Akkoljenza[1], il-Kummissjoni tfakkar li skond l-Artikolu 10 tad-direttiva, tfal detenuti għandhom id-dritt ta' l-aċċess għall-edukazzjoni. F'dan ir-rapport, ir-Renju Unit huwa fost l-Istati Membri li dwarhom hemm tħassib fuq kemm qed jintlaħqu dawn id-dispożizzjonijiet partikolari.

L-edukazzjoni fiċ-ċentri tad-detenzjoni hija assigurata bħala prinċipju iżda spezzjonijiet indipendenti sabu li l-provvisti edukattivi huma nieqsa fiċ-ċentri tad-detenzjoni. Filwaqt li l-kmamar ta' l-iskola (klassijiet) huma pprovduti fil-faċilitajiet tad-detenzjoni, fil-mument, ma jidhirx li ġew mogħtija l-fondi u li ġew imħejjija l-proċessi meħtieġa sabiex l-edukazzjoni tkun sinifikattiva fis-sens reali.[2] Spezzjoni riċenti li saret f'ċentru ta' detenzjoni ta' l-immigrazzjoni b'unitajiet dedikati għall-familji xeħtet dawl fuq każijiet ta' tfal li l-edukazzjoni tagħhom ġiet imfixkla bid-detenzjoni tagħhom (l-HM Kap Spettur tal-Ħabsijiet, Rapport dwar l-ispezzjoni mħabbra fiċ-Ċentru għall-Kontroll ta' l-Immigrazzjoni Yarl's Wood, 28 ta' Frar-4 ta' Marzu 2005).[3]

UNHCR u NGOs jista' jkollhom aċċess għaċ-ċentri tad-detenzjoni ta' l-immigrazzjoni.

HM Kap Spettur tal-Ħabsijiet

L-HM Kap Spettur tal-Ħabsijiet (Anne Owers CBE) hija l-kap ta' l-Ispettorat tal-Ħabsijiet. Il-Kap Spettur tipprovdi eżaminar bir-reqqa tad-detenzjoni fl-Ingilterra u f'Wales billi tagħmel spezzjonijiet imħabbra u mhux imħabbra ta' faċilitajiet tad-detenzjoni. L-awtorità tagħhom tinkludi ħabsijiet, istituzzjonijiet għal trasgressuri minuri u ċentri ta' detenzjoni għas-servizz ta' l-immigrazzjoni.

Hemm ukoll kariga separata ta' HM Kap Spettur tal-Ħabsijiet għall-Iskozja.

Il-Bordijiet ta' Sorveljanza Indipendenti (IBM)

Bil-liġi (Att dwar l-Immigrazzjoni u l-Ażil ta' l-1999), kull ċentru għall-kontroll ta' l-immigrazzjoni jrid ikollu Bord ta' Sorveljanza Indipendenti.
Il-Membri ta' l-IMBs jiġu appuntati minn voluntiera mill-pubbliku ġenerali li jistgħu japplikaw għall-kariga. Il-membri ta' l-IBM għandhom id-dritt li jidħlu u jiċċekkjaw il-kundizzjonijiet fiċ-ċentri għall-kontroll ta' l-immigrazzjoni.

Il-Bordijiet huma mqabbda speċifikament biex jaċċertaw huma stess li hemm trattament uman u ġust fiċ-ċentri għall-kontroll ta' l-immigrazzjoni u biex jirrappurtaw lis-Segretarju ta' l-Istat.

---

[1] Rapport mill-Kummissjoni għall-Kunsill u għall-Parlament Ewropew
dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/9/KE tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu asil, KUMM(2007) 745 finali

[2] Rapport mill-Kummissjoni għall-Kunsill u għall-Parlament Ewropew
dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/9/KE tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu asil, KUMM(2007) 745 finali

[3] Rapport nazzjonali magħmul min-netwerk Odysseus għall-Kummissjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-kondizzjonijiet ta' l-akkoljenza għal dawk li jfittxu l-asil fir-Renju Unit

Sabiex il-Bord ikun jista' jaqdi d-dmirijiet tiegħu b'mod effettiv, il-membri tiegħu għandhom id-dritt ta' l-aċċess għal kull persuna miżmuma fid-detenzjoni u għal kull parti taċ-ċentru u anke għar-rekords taċ-ċentru.

Ftit statistiċi[1]

F'ittra lill-Kumitat ta' l-Affarijiet Interni, datata 20.11.2007, il-Kap Eżekuttiv ta' l-Aġenzija tal-Fruntieri u l-Immigrazzjoni, Lin Homer, ikkonfermat li din is-sena l-aġenzija kienet fi triqitha biex tiddeporta 4,000 ħabsi ta' nazzjonalità barranija.

Lin Homer qalet: *L-iskwadri ta' l-infurzar tagħna qed ineħħu nies iżjed minn qatt qabel, u din is-sena diġà neħħejna madwar 1,000 ħabsi ta' nazzjonalità barranija iżjed mill-2006 kollha.*

Mingħajr ma wieħed jgħodd id-dipendenti, in-numru ta' l-applikazzjonijiet għall-ażil fl-2006 kien ta' 23,610, 8% anqas mill-2005.

Il-proporzjon ta' l-applikazzjonijiet magħmula fil-pajjiż (jiġifieri, minn persuni li kienu diġà daħlu fir-Renju Unit (UK), aktar milli minn dawk li daħlu minn port tad-dħul) kien ta' 85% fl-2006, imqabbel ma' 84% fl-2005 u 78% fl-2004.

L-ogħla numru ta' applikazzjonijiet kien minn ċittadini ta' l-Eritrea, l-Afganistan, l-Iran, iċ-Ċina u s-Somalja.

B'kollox, 6,225 (26 %) mill-applikazzjonijiet fl-2006 irriżultaw fl-għoti ta' l-ażil (10 %), Protezzjoni Umanitarja (HP)/Liv Diskrezzjonali (DL) (9 %), jew f'appelli permessi (8 %).

It-tneħħija mill-ażil (inklużi ritorni assistiti, persuni li telqu volontarjament wara li nbdiet azzjoni ta' infurzar kontriehom u dawk li ġie stabbilit li telqu mir-Renju Unit mingħajr ma infurmaw 'l-awtoritajiet ta' l-immigrazzjoni) żdiedu fl-2006 għal 16,330, minbarra d-dipendenti, 19% iżjed mill-2005.

In-nazzjonalitajet bl-akbar numru ta' applikanti prinċipali li tneħħew jew li telqu volontarjament fl-2006 kienu Iraqini (1,780), Torok (1,665), mis-Serbja u l-Montenegro (1,420), Afgani (1,185) u Pakistani (875).
Inklużi d-dipendenti, 18,280 ta' dawk li fittxew l-ażil u ma rnexxilhomx ġew imneħħija fl-2006, 17 % iżjed milli fl-2005 (15,685). Dejta dwar id-dipendenti li tneħħew ilha tinġabar biss minn April ta' l-2001.

Tneħħija ta' immigranti u applikanti għall-ażil

In-numru ta' persuni li tneħħew jew li telqu volontarjament mir-Renju Unit (UK) fl-2006 kien 63,865, żieda ta' 10 % mill-2005 (58,215). Minn dawk li tneħħew jew li telqu volontarjament fl-2006:
- 55 % tneħħew wara li fil-bidu ma tħallewx jidħlu minn ġo port,
- 36 % tneħħew b'konsegwenza ta' azzjoni ta' infurzar, u

[1] *Kontroll ta' l-Immigrazzjoni: Statistiċi, Renju Unit - HOME OFFICE, CONTROL OF IMMIGRATION: STATISTICS, UNITED KINGDOM, 2006 - Ippreżentat lill-Parlament mis-Segretarju ta' l-Istat għad-Dipartiment ta' l-Intern taħt il-Kmand tal-Maestà Tagħha, Awissu ta' l-2007, Paġna 5*

- 10 % tħallew taħt Programmi AVR immexxija mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Migrazzjoni (IOM).

Mit-total ta' persuni li tneħħew fl-2006, 16,330 persuna kienu fittxew l-ażil f'xi żmien bħala applikanti prinċipali. Inklużi d-dipendenti, 18,280 ta' dawk li fittxew l-ażil u ma rnexxilhomx ġew imneħħija fl 2006, 17% iżjed mill-2005 (15,685).

Detenzjoni ta' l-immigranti

Fit-30 ta' Settembru 2006, kien hemm 2,010 persuni li kienu qegħdin detenuti biss taħt l-awtoritajiet ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni fir-Renju Unit, minbarra dawk detenuti fi stabbilimenti li jservu ta' ħabs.

Minn dawn, 1,455 persuna (72 %) kienu fittxew l-ażil f'xi żmien. Il-maġġoranza ta' immigranti detenuti kienu qed jinżammu f'Ċentri għall-kontroll ta' l-immigrazzjoni, bil-bqija ta' 2% qed jinżammu f'Faċilitajiet ta' l-Immigrazzjoni għaż-Żamma għal Żmien Qasir.

In-nazzjonalitajiet bl-ogħla numru ta' detenuti kienu Ġamajkani (155), Niġerjani (140), Indjani (115) u Pakistani (110).

28 % tad-detenuti kien ilhom fid-detenzjoni għal inqas minn erbatax-il ġurnata,
14 % għal bejn 15 u 29 ġurnata,
16 % għal bejn xahar u xahrejn u
22 % għal bejn xahrejn u erba' xhur
3 % kien ilhom detenuti għal sena jew iżjed.

LAQGĦA MA' L-ORGANIZZAZZJONIJIET U L-NGOs

Il-laqgħa saret f'Londra, fil-21 ta' Novembru 2007. Dawk mistiedna kienu organizzazzjonijiet[1] li jżuru ċ-ċentri ta' detenzjoni regolarment jew li huma preżenti hemm fuq bażi permanenti.

L-organizzazzjonijiet kienu verament organizzati tajjeb u effiċjenti fit-twassil tal-preżentazzjoni tagħhom. Il-membri tad-delegazzjoni semgħu b'attenzjoni lill-NGOs naturalment bir-riserva li t-tagħrif mogħti mill-NGOs ma setax jiġi vverifikat mid-delegazzjoni biex b'hekk jeskludu xi esaġerazzjonijiet possibbli u ġeneralizzazzjoni ta' ċertu inċidenti rrappurtati. Huma wrew it-tħassib tagħhom fuq 5 kwistjonijiet prinċipali: in-natura tad-detenzjoni/it-tul tad-detenzjoni, il-proċess Mgħaġġel, l-aċċess għall-pariri legali, it-trattament tat-tfal u l-kondizzjonijiet tas-saħħa tad-detenuti. Huma ppreżentaw ukoll xi każijiet konkreti relatati mas-sigurtà tad-detenuti. Kien hemm ukoll preżentazzjoni dwar is-sitwazzjoni ta' l-Irlanda ta' Fuq u l-Iskozja u ġiet spjegata l-problema bid-differenzi fis-sistemi legali bejn l-Iskozja u l-Irlanda ta' Fuq.

It-tħassib ewlieni ta' dawn l-organizzazzjonijiet kien dan li ġej:

- Żieda drammatika fl-użu tad-detenzjoni tul dawn l-aħħar snin: l-irwol tad-detenzjoni inbidel.

[1] Il-lista ta' l-organizzazzjonijiet rappreżentati fil-laqgħa tinsab f'anness 3.

- Milli jidher id-detenzjoni qed tintuża bħala politika fuq in-numri ta' dawk li se jinżammu fid-detenzjoni iżjed milli bħala ġustifikazzjoni individwali (bid-detenzjoni arbitrarja dejjem tiżdied)
- Nuqqas ta' linji gwida tanġibbli ta' min għandu jiġi detenut, fejn għandu jiġi detenut u għaliex? Fir-realtà, meta u fejn wieħed jiġi detenut jiddependu għal kollox min-numru ta' sodod disponibbli.
- Id-deċiżjoni li tinżamm persuna f'detenzjoni tittieħed minn uffiċjal wieħed.
- M'hemmx skrutinju ġudizzjarju awtomatiku
- Il-persuna li qed tiġi detenuta għandha tingħata r-raġunijiet. Fil-preżent huma qed jingħataw lista ta' kriterji A4 vaga ħafna u l-ebda evidenza m'hi meħtieġa biex tappoġġja d-deċiżjoni ta' l-uffiċjal ta' l-immigrazzjoni.
- M'hemmx limitu tal-massimu tad-detenzjoni (ġie mogħti eżempju ta' xi ħadd li ġie miżmum għal sentejn u 8 xhur – xi drabi n-nies ikunu jridu jmorru d-dar iżda ma jkollhomx id-dokumenti ta' l-ivvjaġġar)

Detenzjoni tat-Tfal

- Żieda fl-użu tad-detenzjoni tal-familji.
- Nuqqas ta' politika koerenti dwar id-detenzjoni tal-familji u t-tfal fir-Renju Unit.
- Ir-Renju Unit idderoga mill-konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tat-Tfal[1] u għaldaqstant xi tfal li ma jitħallewx jidħlu jew li jibqgħu fir-Renju Unit qed jitpoġġew f'ċentri tad-detenzjoni flimkien mal-familji tagħhom. Il-membri jħeġġu lir-Renju Unit biex jikkonsidra mill-ġdid il-pożizzjoni tiegħu dwar ir-riserva tiegħu fuq id-dritt li ma japplikax artikolu 37 c) tal-konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-drittijiet tat-tfal.
- Impatt digressiv fuq il-lingwa u l-imġiba ġenerali – tfal li jagħmlu taħthom fis-sodda lejl u nhar.
- Ħafna ġenituri wrew sintomi ta' dipressjoni.

Problemi ta' aċċess għall-pariri legali u għall-proċess Mgħaġġel

- It-tnaqqis fl-għajnuna legali u t-tħaffif tal-proċeduri f'dawn l-aħħar ftit snin għamlu r-reġim ta' l-ażil kulma jmur iżjed diffiċli li wieħed jisfidah, b'mod partikolari mill-persuna detenuta.
- Il-konsulenti legali bħalissa jirċievu ħlas fiss talli jassistu d-detenuti; ħafna kumpaniji legali kienu rtiraw għax ma setgħux jifilħu li jaħdmu iżjed f'dan il-qasam.
- Huwa partikolarment diffiċli li ssib konsulenti legali waqt li tkun fid-detenzjoni, peress li ftit ċentri għandhom aċċess għall-Internet s'issa u l-ftit kumpaniji mniżżla fil-Libreriji Ċentrali jkunu ħafna drabi impenjati għall-aħħar. Nuqqas ta' aċċess għall-Internet u għat-telefown. Fattur ieħor li jagħmilha diffiċli li jinstabu avukati hu li l-awtoritajiet iffissaw rata minima ta' suċċess fil-livell ta' l-appell għall-avukati, li xi drabi twassalhom li jirrifjutaw każijiet iżjed diffiċli sabiex iżommu rata ta' suċċess tajba.

[1] Il-Konvenzjoni ta' Ġinevra ta' l-1951 dwar l-Istatus tar-Refuġjati, il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal – ir-Renju Unit għamel riserva: *"(ċ) Ir-Renju Unit jirriserva d-dritt li jadotta din il-leġiżlazzjoni, sakemm tirrigwarda d-dħul, id-dewmien u t-tluq mir-Renju Unit ta' dawk il-persuni li m'għandhomx id-dritt taħt il-liġi tar-Renju Unit li jidħlu u jibqgħu fir-Renju Unit, u li jakkwistaw u jkollhom iċ-ċittadinanza, kif jara li hu meħtieġ minn żmien għal żmien.*

- Każijiet ta' persuni fis-sistemi Mgħaġġla f'Harmondsworth (irġiel) and Yarl's Wood (nisa), li jiġu assenjati rappreżentant legali, jiġu spiss imwaqqa' minħabba n-nuqqas ta' ħin biex wieħed isir jaf il-klijent. Persuni fil-proċess ta' l-appelli mhux sospensivi (l-uniku sfida possibbli għar-rifjut hija mill-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom) fil-bidu jkollhom għajnuna legali fuq il-post.
- Il-proċess Mgħaġġel hu wisq mgħaġġel biex jittieħdu deċiżjonijiet siguri; l-1 jum – talba għall-ażil, it-3 jum – deċiżjoni ta' rifjut, l-appell irid isir sad-9 jum.
- L-avukati m'għandhomx il-ħin li jivvjaġġaw lejn iċ-ċentri.
- Problema ta' detenuti li jiġu trasferiti minn ċentru għall-ieħor li tikkawża nuqqas ta' kontinwità fir-rappreżentanza legali.
- M'hemmx superviżjoni ġudizzjarja xierqa tad-deċiżjonijiet tad-detenzjoni. 'L-imħallfin ta' l-immigrazzjoni' m'humiex meqjusa bħala mħallfin proprji fir-Renju Unit, ma jinżammx rekord proprju tal-proċeduri tal-'qorti' ta' l-immigrazzjoni.
- Problemi bil-konnessjoni ġdida bil-vidjo għal seduti fejn tiġi diskussa l-libertà provviżorja – sabiex jiġi evitat li wieħed ikollu jivvjaġġa mill-qorti għal fejn qed jiġi detenut il-klijent, teżisti l-possibbiltà li wieħed jidher fis-seduta permezz ta' konnessjoni bil-vidjo. Madankollu, ħin ta' 10 minuti b'konnessjoni bil-vidjo ta' taħdit mad-detenuti qabel is-seduta huwa totalment inadegwat għall-iskopijiet ta' rappreżentanza effettiva.

Saħħa

- Il-kura tas-Saħħa Mentali u l-kura tas-saħħa ġenerali huma ta' tħassib speċifiku għall-NGOs.
- B'kuntrast għar-reġimi tas-saħħa f'ħabsijiet kriminali, iċ-ċentri mediċi fiċ-ċentri għall-kontroll ta' l-immigrazzjoni m'humiex fir-realtà soġġetti għal superviżjoni mis-Servizz tas-Saħħa Nazzjonali.
- Il-prospett ta' detenzjoni mingħajr limitu jista' jkollu effet devastanti fuq in-nies, li s-saħħa mentali tagħhom tista' tiġi affettwata tul iż-żmien. Hemm irġiel f'diversi ċentri li ilhom detenuti iżjed minn sena.
- Il-volum ta' l-inċidenti ta' ħsara fuqhom infushom waqt li qegħdin fid-detenzjoni huwa sors ta' tħassib: minn April ta' l-2006 sa Jannar ta' l-2007, iżjed minn 1,600 detenut tpoġġa fuq "riskju ta' ħsara fuqu nnifsu" formali. Suwiċidju - 10 imwiet sa mill-1989, 5 f'Harmondsworth.
- Is-servizzi mediċi fiċ-ċentri jiġu mogħtija lill-entitajiet minn barra u jitmexxew minn kliniċi ta' GPs privati. B'konsegwenza, il-linji ta' responsabbiltà medika huma konfużi u dgħajfa. Iż-żamma tar-rekords hija inadegwata. Hemm il-problemi ta' tnaqqis fl-ispejjeż, livell baxx fil-ħiliet u l-kompetenzi ta' l-impjegati.
- Strajkijiet tal-ġuħ u rvellijiet ripetuti huma l-uniċi mezzi kif id-detenuti jesprimu d-dwejjaq u r-rabja tagħhom lejn il-mod ta' kif jiġu trattati, huma ddisprati biex jiġbdu l-attenzjoni tad-dinja ta' barra għas-sitwazzjoni tagħhom.
- Allegazzjonijiet ta' tortura u suspetti ta' kwistjonijiet rigward is-saħħa mentali m'humiex qed jiġu segwiti b'mod adegwat.
- Korrimenti waqt tentattivi tat-tneħħija m'humiex qed jiġu dokumentati jew investigati b'mod adegwat mill-awtoritajiet xierqa.
- Tħassib ieħor relatat mas-saħħa huwa dak li jingħata profilassi tal-malarja adegwat għal detenuti vulnerabbli li jkunu qed jintbagħtu lura lejn pajjiżi fejn hemm riskju kbir ta' infezzjoni bil-malarja, partikolarment għal nisa tqal bi problemi ta' saħħa mentali.

Tħassib dwar gruppi vulnerabbli

- Id-detenzjoni ta' familji, ta' tfal u nisa tqal, ta' vittmi tat-tortura u ta' dawk li jsofru minn problemi ta' saħħa mentali u mard fiżiku serju hija ta' ħassib serju għall-gruppi kollha li jżuru, għall-membri tas-sotto-grupp tad-detenzjoni u għall-AVID. L-effett tad-detenzjoni fuq it-tfal jista' jkun ta' ħsara enormi. Il-provvista ta' ħrieqi u oġġetti sanitarji hija bażika ħafna u n-nisa tqal igergru minħabba nutriment fqir mingħajr ebda għajnuna żejda għall-bżonnijiet partikolari tagħhom. L-edukazzjoni mhix ta' bilfors, u dan iwassal biex it-tfal ma jkollhom l-ebda inklinazzjoni biex jagħmlu xi ħaġa u b'konsegwenza ta' dan issofri s-saħħa mentali tagħhom.

Kwistjonijiet oħra:

Il-persuni jiġu mċaqalqa madwar il-bini tad-detenzjoni għal varjetà ta' raġunijiet. Dan iwassal li xi nies ma jkollhomx aċċess għar-rappreżentant legali tagħhom minħabba d-distanza jew li jintilfu appuntamenti mediċi. F'xi każijiet ikollhom jinstabu rappreżentanti legali oħra, proċess li jwassal għal taħwid kbir. L-aċċess għall-familji jitħarbat ukoll. Il-kontinwità tal-kura medika hi wkoll mhedda bit-trasferiment madwar il-bini tad-detenzjoni. Iċ-ċaqliq frekwenti ta' detenuti bejn ċentri ta' detenzjoni madwar il-pajjiż iħalli lid-detenuti fi stat ta' periklu psikoloġiku.

Proċedura ġdida dwar l-ilmenti ġiet introdotta lejn l-aħħar ta' l-2006 biex tinkoraġġixxi lill-persuni jagħmlu l-ilmenti tagħhom b'kunfidenza. Madankollu, il-persuni għadhom jinkwetaw dwar l-effett negattiv li l-ilmenti jista' jkollhom fuq il-każijiet tagħhom u għaldaqstant isibuha bi tqila li jqajmu kwistjonijiet.

Is-sitwazzjoni fl-Irlanda ta' Fuq

- M'hemmx faċilità dedikata għad-detenzjoni fl-Irlanda ta' Fuq. L-immigranti irregolari/dawk li fittxew l-ażil u ma ngħatalhomx qabel kienu jinżammu f'ħabsijiet, issa qed jinżammu fi stazzjonijiet tal-pulizija sakemm ikunu jistgħu jiġu trasferiti fir-Renju Unit.
- Nuqqas ta' taħriġ lill-pulizija f'dan il-qasam.
- Problemi fuq il-kwistjoni tar-rappreżentanza legali.
- Bżonn għal superviżjoni xierqa mill-BIA. (Aġenzija tal-Fruntieri u l-Immigrazzjoni)

ŻJARAT FIĊ-ĊENTRI

Id-delegazzjoni żaret faċilitajiet tad-detenzjoni u aċċertat il-kundizzjonijiet li fihom qed jinżammu l-immigranti u dawk li jfittxu l-ażil u tkellmet mar-residenti. Madankollu, mhux id-delegazzjoni kollha setgħet tidħol fil-parti tal-bini fejn id-detenuti kienu miżmuma minħabba raġunijiet ta' spazju.

Peress li l-MEPs kienu akkumpanjati mill-assistenti tagħhom, l-impjegati tal-gruppi politiċi u s-segretarjat tal-LIBE kellhom jifformaw żewġ gruppi separati, wieħed immexxi mis-Sinjura Roure u l-ieħor mis-Sur Demetriou.

Ċentru għall-kontroll ta' l-immigrazzjoni Yarl's Wood

Introduzzjoni

Yarl's Wood huwa ċentru għall-kontroll ta' l-immigrazjoni mibni apposta għalhekk. Wieħed mill-blokki tiegħu nfetaħ f'Novembru ta' l-2001 iżda ngħalaq wara rvell u nar fi Frar ta' l-2002. Il-blokk li saritlu l-ħsara twaqqa'. Wara l-bini estensiv mill-ġdid, it-tieni blokk fetaħ f'Settembru ta' l-2003 u fil-bidu kellu kapaċità ta' 60. Il-kapaċità ġiet estiża għal 120 sa Awissu ta' l-2004, u għal kapaċità operazzjonali ta' 405 sa l-2006. Minn mindu reġa' nfetaħ sar iċ-ċentru għall-kontroll ta' l-immigrazzjoni ewlieni għan-nisa u l-familji. [1]

Fl-2006, l-HM Kap Spettur tal-Ħabsijiet għamlet spezzjoni mhux imħabbra.
Skond ir-rapport maħruġ:

- ġie rrappurtat xi progress : ġie appuntat assistent soċjali biex jassisti għall-problemi prattiċi tad-detenuti; l-ikel u x-xorb
- l-immaniġġjar tad-diversità tjieb.
- Kollox ma' kollox ir-relazzjonijiet bejn l-impjegati u d-detenuti baqgħet pożittiva.
- xi titjib fil-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni, għalkemm fiż-żewġ oqsma għad fadal ħafna xi jsir.

Ir-rapport josserva

- Tħassib sinifikanti dwar aspetti ta' sigurtà fiċ-ċentru.
- Diffikultajiet għad-detenuti biex jakkwistaw tagħrif aġġornat u preċiż dwar il-każijiet tagħhom
- Kienu għadhom qed isiru tneħħijiet mingħajr avviżi jew ippjanar xieraq.
- Nuqqas ta' direzzjoni suffiċjenti lill-impjegati fuq kif jittrattaw każijiet ta' suwiċidju u ħsara li d-detenuti jagħmlu fuqhom infushom, u n-nuqqas ta' evalwazzjonijiet tar-riskji marbuta mal-qsim bejniethom tal-kmamar

L-aktar tħassib importanti: id-detenzjoni tat-tfal. *Yarl's Wood kien iżomm 32 tifel u tifla meta saret l-ispezzjoni, li sebgħa minnhom kien ilhom hemm għal iżjed minn 28 ġurnata. Kien għad m'hemmx evidenza li l-ġid tat-tfal kien qed jiġi kkunsidrat kif xieraq meta kienu jittieħdu d-deċiżjonijiet dwar id-detenzjoni tal-bidu u dik kontinwata.*

Saru intervisti strutturati ma' tlettax mit-tfal detenuti li d-dewmien tagħhom fiċ-ċentru kien ta' medja ta' 23 ġurnata (li jvarjaw mill-jum tal-wasla sa 112 –il ġurnata). Ir-rapport jinnota li l-intervisti b'mod ċar juru l-effett ta' l-arrest għall-għarrieda fuq il-ġid tat-tfal, u l-impatt tal-biżgħat u l-ansjetajiet tagħhom għalihom u għall-ġenituri tagħhom.

Żjara tad-delegazzjoni LIBE

Iż-żjara tad-delegazzjoni seħħet nhar l-Erbgħa 21 ta' Novembru.
Ingħatat preżentazzjoni fuq iċ-ċentru, minn Brian Pollett, Direttur tas-Servizzi tad-Detenzjoni, Sarah Edwards, Meniġer tal-BIA taċ-ċentru, Victoria Jones, Direttur tal-Kuntratti SERCO.
Ingħata dan it-tagħrif:

[1] Rapport wara spezzjoni qasira mhux imħabbra f'Yarl's Wood Immigration Removal Centre,13 – 16 ta' Frar 2006 mill-HM Kap Spettur tal-Ħabsijiet

- Jekk fil-punt tad-dħul fir-Renju Unit, tasal persuna mingħajr ma jkollha dritt għad-dħul fir-Renju Unit, tittieħed lejn iċ-ċentru minn Group 4 Securicor. Persuni oħra jiġu detenuti fid-djar tagħhom u jkollhom jirrapportaw lill-awtoritajiet.

- Fiż-żmien meta saret iż-żjara, fiċ-ċentru kien hemm 321 detenut - 64 membri tal-familja inklużi 33 tifel u tifla

- Il-popolazzjoni kienet komposta minn 75% irġiel, 25% familji.

- Id-detenuti adulti nisa kienu jinżammu separati mill-familji minħabba kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tat-tfal. Kull familja kellha l-kamra tagħha, jew iżjed minn waħda fejn meħtieġ għall-familji ikbar. 2 detenuti f'kull kamra fil-kmamar tan-nisa ta' waħda.

- Iż-żamma medja kienet ta' erbatax-il ġurnata. F'dak iż-żmien, l-itwal perjodu ta' żamma ta' omm u iben/bint kien ta' 89 ġurnata

- Il-*manigment* taċ-ċentru pprova jeduka lit-tfal ta' Yarl's Wood fejn it-tfal jattendu l-iskola. It-tfal ma jsegwux il-kurrikulu nazzjonali fl-iskola taċ-ċentru – dan hu diffiċli li wieħed jagħmlu. Il-ġenituri għandhom l-għażla jekk it-tfal jattendux l-iskola jew le, il-biċċa l-kbira tat-tfal jattendu.

- Kien hemm aċċess għall-faċilitajiet ta' l-edukazzjoni u librerija.

- F'dak li għandu x'jaqsam ma' problemi speċifiċi fiċ-ċentru – ma kienx hemm wisq problemi b'imġiba diffiċli. Iżda waħda mill-problemi hija l-ansjetà tad-detenuti u l-oħra d-diffikultà kbira biex tneħħi l-persuni u teħodhom lejn l-ajruplani.

- In-nies kienu mħeġġa biex jitilqu volontarjament.

- Rigward it-tneħħija: id-detenuti jingħataw avviż b'minimu ta' 72 siegħa. Id-detenut jiġi infurmat f'liema pajjiż se jintbagħat (pajjiż ta' l-oriġini, ta' liema hu ċittadin). F'każ ta' tneħħijiet diffiċli, mad-detenut tivvjaġġa skorta fuq l-ajruplan sal-pajjiż ta' l-oriġini. Jekk il-persuni joffru reżistenza kbira, huma permessi metodi ta' kontroll fiżiku – manetti, restrizzjonijiet għar-riġlejn, iżda hija meħtieġa l-awtorità ta' uffiċjali ogħla bit-telefown. Jekk id-detenut huwa magħruf bħala wieħed li jaqla' l-inkwiet, it-tneħħija tiġi rrekordjata bil-vidjo.

- Il-Bordijiet ta' Sorveljanza Indipendenti (IMBs) ikunu preżenti fiċ-ċentri kollha biex jissorveljaw is-sitwazzjoni. Issa hemm IMB f'Heathrow għas-sorveljanza tat-tneħħijiet.

- X'taħriġ jirċievu l-uffiċjali tal-kustodja? Huma jiġu pprovduti b'taħriġ għal 8 ġimgħat – inkluż saħħa u sigurtà, kontroll u trażżin (PCC – Kontroll Fiżiku fil-Kura għall-adulti u t-tfal), sigurtà, ħiliet interpersonali, protezzjoni tat-tfal, diversità, affarijiet kulturali, razza u reliġjon (jumejn u nofs). It-taħriġ jinkludi wkoll għassa u konsulenza, prevenzjoni u għarfien relatati mas-suwiċidju.

- X'tagħrif introduttorju jingħataw id-detenuti? Id-detenuti jistgħu jaslu fi kwalunkwe ħin tal-ġurnata. Jiġu invistati mis-servizzi tal-kura tas-saħħa fi żmien sagħtejn, u jiġu mistoqsija jekk għandhomx xi problemi partikolari. It-tagħrif introduttorju jingħata bl-Ingliż, iżda jsiru referenzi għall-impjegati/detenuti oħra biex jgħinu fit-traduzzjoni.

Qed jaraw metodi ġodda ta' kif jista' jingħata t-tagħrif introduttorju –ie. DVD's f'diversi lingwi.

- Għaliex id-detenuti jiġu trasferiti f'ċentri differenti? Minħabba problemi ta' imġiba, problemi ta' *bullying*, biex ikunu eqreb għall-ajruporti, m'hemmx ħafna trasferimenti minn Yarlswood (għax dan hu l-uniku ċentru għan-nisa u l-familji). Fil-każ ta' ċentri oħra – l-irġiel jiġu trasferiti minħabba pressjoni ta' spazju tas-sodod, speċjalment madwar Londra, għalhekk spiss jiġu mċaqalqa barra minn Londra jekk ikun jidher li l-każ tagħhom se jieħu żmien twil.

- Għad m'hemmx aċċess għall-Internet għalissa iżda jittamaw li se jkun hemm dan l-aċċess fiċ-ċentru dalwaqt.

- Qegħdin jikkunsidraw il-possibbiltà li joffru xogħol imħallas fiċ-ċentru – ħafna kwistjonijiet ta' dwejjaq.

- Provvista ta' kura tas-saħħa mentali fiċ-ċentru – fiċ-ċentru hemm disponibbli infermiera tas-saħħa mentali reġistrati. Hemm psikjatra li jagħmel il-viżti, u 2 konsulenti *full time*. L-impjegati huma mħarrġa biex ikunu sensittivi għall-problemi ta' *bullying* u hemm sistemi li jitrattaw il-*bullying*.

- Id-Direttur taċ-ċentru jiltaqa' erba' darbiet fis-sena ma' l-NGOs – huma kellhom xi problemi mal-Medical Justice u għamlu laqgħa biex jiddiskutu l-kwistjonijiet. Issa huma għandhom relazzjoni iżjed kostruttiva mal-'be-frienders'.

- Sar kuntatt bejn iċ-ċentru u s-servizz tat-tfal ta' l-awtorità lokali u ċ-'Children's Champion' tiegħu, persuna fi ħdan l-awtorità lokali responsabbli għat-titjib tal-ġejjieni tat-tfal.

Id-delegati nqasmu f'żewġ gruppi ta' 6 għall-mawra tal-faċilitajiet taċ-ċentru, inklużi s-sezzjoni residenzjali, is-sezzjoni tal-familja, ir-reġimi ċentralizzati u l-edukazzjoni.
Huma żaru l-faċilitajiet miftuħa għad-detenuti: librerija, kamra għall-arti u l-krafts, u kmamar tal-pranzu. Id-dokumenti jidhru li huma disponibbli f'diversi lingwi.

Ċentru għall-Kontroll ta' l-Immigrazzjoni Oakington

Introduzzjoni

Dan iċ-ċentru ilu miftuħ sa mis-sena 2000. B'kapaċità operazzjonali ta' 300, iċ-ċentru kien jakkomoda taħlita ta' familji, irġiel waħedhom u nisa waħedhom.

Iċ-ċentru għall-Kontroll ta' l-Immigrazzjoni Oakington kien l-ewwel ċentru tad-detenzjoni Mgħaġġla fir-Renju Unit. Oriġinarjament kien disinjat li jakkomoda nies għal massimu ta' 10 ijiem.

F'Mejju ta' l-2006 dan iċ-ċentru ma baqax immirat esklussivament lejn il-każijiet Mgħaġġla u l-immigranti DEPMU[1] (Detention Escort Population Management Unit) saru jammontaw għal

[1] Tinkludi klijenti f'diversi stadji tal-proċess ta' l-ażil; klijenti li għadhom m'għamlux talba għall-ażil, klijenti b'talbiet pendenti, klijenti li waslu fl-aħħar tal-proċess ta' l-ażil jew detenuti ta' l-immigrazzjoni. Dan il-grupp jinkludi Ħabsin ta' Nazzjonalità Barranika u każijiet minn Pajjiżi Terzi.

proporzjon sostanzjali tad-dħul ta' l-immigranti ta' kuljum. Id-dewmien għall-immigranti DEPMU fid-detenzjoni jvarja; uħud baqgħu fid-detenzjoni għal iżjed minn 9 xhur.

Detenuti nisa ma baqgħux jiġu akkomodati u Oakington sar ċentru għall-irġiel waħedhom.

Sa mill-2003, kien qed jintqal li ċ-ċentru se jingħalaq u, l-NGOs stqarrew, li kien hemm nuqqas ta' interess li jsir investiment fil-faċilitajiet/servizzi. Minn dak iż-żmien, saru estensjonijiet fuq bażi ta' żmien qasir. Il-kirja tal-post fil-preżent hija sa Ġunju ta' l-2010, iżda jista' jingħalaq fi żmien qasir jekk jingħata avviż. Din is-sitwazzjoni ta' inċertezza twassal għall-implikazzjonijiet għall-impjegati. Il-kuntratti ħafna drabi jkunu għal żmien qasir (sa 11-il xahar) u hu diffiċli li timpjega ħaddiema bi kwalitajiet differenti minħabba ż-żona li fiha jinsab iċ-ċentru.

Fil-mument, irġiel biss qed jiġu detenuti fiċ-ċentru; b'mod apprezzattiv 40% minnhom huma Ħabsin ta' Nazzjonalità Barranija (persuni minn pajjiżi oħra li temmew iż-żmien tagħhom fil-ħabs u waslu biex jintbagħtu lura lejn pajjiżhom) (sitwazzjoni fit-8 ta' Novembru 2007).

Fatti fil-preżent:

- Kapaċità: 352, irġiel waħedhom
- Tip ta' akkomodazzjoni: Dormitorju (blokki 19, 20, 26 u 30 jżommu 12 f'kull kamra u blokk 39 iżomm 8 f'kull kamra)
- Medja ta' detenuti okkupati kuljum Ottubru 2007: 336
- Numru ta' Ħabsin ta' Nazzjonalità Barranija fit-8 ta' Novembru 2007: 129 (39.4% tal-popolazzjoni taċ-ċentru)
- Immexxi minn: GSL UK Ltd (qabel magħrufa bħala Group 4) sa mis-sena 2000
- Kura tas-Saħħa pprovduta minn: Servizzi Mediċi Forensiċi Primecare (PFMS) sa mis-sena 2000
- Aġenziji tas-Settur Volontarju bbażati fuq il-post: Kunsill tar-Refuġjati (RC) u Servizzi tal-Pariri dwar l-Immigrazzjoni (IAS) sa mis-sena 2000 (Ċentru Legali tar-Refuġjati sa mis-sena 2000 – Settembru ta' l-2006)

L-aħħar rapport ta' l-HM Kap Spettur tal-Ħabsijiet josserva li: is-sitwazzjoni tidher li hi aħjar minn ċentri oħra; il-perċezzjoni tad-detenuti kienet li Oakington kien, kollox ma' kollox, ambjent sigur. Madankollu, ir-rapport iqajjem tħassib, b'mod partikolari dwar l-użu tas-sezzjoni tat-tluq tad-detenuti (DDU) u l-ġid tat-tfal detenuti. Fiż-żmien meta saret iż-żjara, ma kinux qed jinżammu tfal. Ħafna mir-rakkomandazzjonijiet ta' l-HM Kap Spettur tal-Ħabsijiet fuq il-prevenzjoni tas-suwiċidju u l-ħsara fuq il-persuni nfushom ma kinux ġew osservati, u l-proċeduri kontra l-*bullying* kienu dgħajfa skond ir-rapport.

<u>Żjara tad-delegazzjoni LIBE</u>

Iż-żjara f'dan iċ-ċentru seħħet nhar il-Ħamis 22 ta' Novembru 2007.
Id-delegati ltaqgħu ma' Alan Kittle, Deputat Direttur, Servizzi tad-Detenzjoni, Susan Ward, Meniġer ta' l-Aġenzija tal-Fruntieri u l-Immigrazzjoni, David Dunford, Assistent Direttur, Detenzjoni Mgħaġġla, Colin Hodgkins, Meniġer taċ-Ċentru GSL, Penny Lambert, President, Bord tas-Sorveljanza Indipendenti.

Tagħrif mogħti lid-delegati:

- Iċ-ċentru kien kompost minn kwartieri li qabel kienu jintużaw mill-Forza ta' l-Ajru u li oriġinarjament kien iżomm biss applikanti għall-ażil fil-proċess Mgħaġġel. Il-

popolazzjoni sa dak iż-żmien kienet inbidlet. Meta saret iż-żjara kien iżomm ukoll eks-ħabsin ta' nazzjonalità barranija ta' livell ta' riskju baxx (frodi ta' dokumenti, serq)

- Il-Kunsill tar-Refuġjati, waħda mill-NGOs, kellha uffiċċju fil-post – Rappreżentanti legali jkunu preżenti l-ħin kollu fiċ-ċentru sabiex jispjegaw lid-detenuti l-proċedura Mgħaġġla u l-mod ta' kif isir l-appell minn barra l-pajjiż. (F'ċentri oħra dawn il-konsulenti legali ma jkunux fiċ-ċentru, u jiġu minn barra). Madankollu, il-fondi għall-pariri legali jeżistu għal detenuti fil-proċedura Mgħaġġla iżda mhux għall-oħrajn li m'għandhomx aċċess dirett għas-servizzi tal-Kunsill tar-Refuġjati. Jista' jkun li jeżisti nuqqas ta' faċilitajiet ta' konsulenza għall-persuni oħra li m'humiex fil-proċess Mgħaġġel.

- Is-Servizz ta' Konsulenza dwar l-Immigrazzjoni huwa karità nazzjonali li toffri pariri u rappreżentanza legali – l-iżjed għall-każijiet FT. Huma għandhom ukoll xi fondi għall-każijiet mhux fil-proċess Mgħaġġel – sabiex jgħinu b'applikazzjonijiet u appelli ġodda.

- Teżisti relazzjoni tajba ħafna bejn l-impjegati u d-detenuti, għalkemm kien ġie rrappurtat xi tħassib fi spezzjonijiet li kienu saru qabel fiċ-ċentru.

Kien hemm rappreżentant mill-IMB fuq il-post, appuntat mis-Segretarju ta' l-Istat, indipendenti mill-BIA u kuntrattur, li jagħmel rapport annwali fuq it-tmexxija globali taċ-ċentru. Ir-rappreżentant ta' l-IMB deher li ma kien kuntent xejn bl-istat fiżiku taċ-ċentru.

Id-delegati żaru l-partijiet tal-ġnub taċ-ċentru fejn jinżammu d-detenuti. Minħabba limitu fin-numru ta' persuni li jitħallew jidħlu ġewwa, parti mid-delegazzjoni kellha tibqa' fil-kamra tal-konferenzi.

Kien hemm kamra għall-viżitaturi, pjuttost żgħira, li ma tantx tagħti privatezza. Kien hemm bitħa kbira u kamra tat-talb u r-riflessjoni għal kull twemmin.
Ma kienx hemm aċċess għall-internet iżda kien hemm il-possibbiltà li wieħed isegwi kors tat-taħriġ fl-IT.
Blokki ta' l-akkomodazzjoni: dawn huma faċilitajiet fuq stil ta' dormitorju, li ma tantx jagħtu privatezza lid-detenuti u potenzjalment iżidu t-tensjoni meta wieħed jiġi disturbat fl-irqad. Ikun hemm aċċess miftuħ għal dawn iż-żoni matul il-ġurnata.
Kien hemm ukoll ċelel ta' iżolament fiċ-ċentru, il-kondizzjonijiet ta' dawn iċ-ċelel kienu ifqar minn dawk fil-kumplament taċ-ċentru u jpoġġu lill-persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli ħafna.

L-użu tal-klieb biex jgħassu ż-żona ta' barra ċ-ċentru joħloq tħassib kbir fost id-detenuti. Iżda kien hemm ħafna ħarbiet u din hi r-raġuni għala ġew miżjuda l-barrieri u r-ronda tas-sigurtà bil-klieb bil-lejl.

Ir-rappreżentanti tal-Kunsill tar-Refuġjati u l-IMB tkellmu ma' ċertu parteċipanti tad-delegazzjoni waqt li r-rappreżentanti tal-BIA u l-meniġer taċ-ċentru kienu okkupati b'xi ħaġa oħra. Huma tkellmu iżjed fil-miftuħ milli jagħmlu fil-preżenza ta' nies oħra u esprimew dan it-tħassib: -

- Nuqqas ta' skrutinju indipendenti tal-proċedura ta' l-ilmenti. (l-ilmenti effettivament jarawhom il-BIA u kuntrattur privat – u ħafna drabi ma jibqgħux isegwuhom)
- Nuqqas ta' użu ta' interpretazzjoni (servizz tat-telefown għoli ħafna - £12)
- Nuqqas ta' rappreżentanza legali – speċjalment għall-każijiet Mgħaġġla.

- Inċidenza għolja ta' trasferimenti ta' detenuti bejn iċ-ċentri mingħajr ebda konsiderazzjoni għall-appuntamenti legali jew mediċi eżistenti.
- Il-proċess ta' kif isiru d-deċiżjonijiet ta' min għandu jiġi detenut u min le jidher li hu wieħed arbitrarju – ħafna drabi bbażat fuq in-numru ta' spazji tas-sodod disponibbli.
- F'termini ta' figuri/statistiċi – L-istatistiċi tad-dewmien taż-żamma tneħħew mir-reġistru ta' l-istatistiċi!
- Ħafna drabi jkun hemm nuqqas ta' interpretazzjoni fl-intervisti (għall-każijiet Mhux Sospensivi) u nuqqas ta' interpretazzjoni f'appuntamenti mediċi.
- Nuqqas ta' statistiċi dwar kwistjonijiet dwar l-età. L-NGOs żammew l-istatistiċi – Fl-2005 - 241 każ u 60% instabu li kienu tfal – issa qed isir iżjed *screening* minn qabel. Xorta fadal kwistjonijiet dwar l-età f'dan iċ-ċentru.

Ċentru għall-kontroll ta' l-immigrazzjoni Harmondsworth

Introduzzjoni

Harmondsworth fetaħ f'Settembru ta' l-2001. Fl-imgħoddi kien l-ikbar ċentru għall-kontroll ta' l-immigrazzjoni, u kien jesa' madwar 500 persuna. Kienu jgħaddu miż-żona tar-riċeviment tiegħu madwar 2,000 persuna kull xahar, f'kull ħin tal-ġurnata u tal-lejl. Ħafna minnhom qattgħu biss żmien qasir ħafna hemmhekk; għalkemm uħud kienu jqattgħu xhur jew anke snin hemmhekk.[1]

Fis-snin riċenti, iċ-ċentru għadda minn irvell kbir, u mewt li apparentament kienet ikkaġunata mill-persuna stess. Iċ-ċentru għalaq lejn nofs is-sena 2004 u reġa' fetaħ f'Ottubru ta' l-2004.

Żewġ partijiet minnu ngħalqu għal dejjem. Dawn għandhom jitwaqqgħu, u jinbidlu b'partijiet li ma jiġux affettwati mill-irvellijiet, simili għall-ħabsijiet f'Kategorija B (sigurtà għolja). Dawn għandhom jerġgħu jinfetħu fis-sena 2009.

Għalkemm oriġinarjament iċ-ċentru kien jilqa' familji kif ukoll irġiel u nisa waħedhom, Harmondsworth issa jilqa' biss irġiel adulti waħedhom.
Peress li ngħalqu dawn il-partijiet, il-kapaċità issa hija ta' 250 persuna.

Iċ-ċentru hu kuntrattat lil Kalyx (li qabel kienu Servizzi tad-Detenzjoni fir-Renju Unit), sussidjarja ta' Sodexho. Il-kuntratt beda bejn wieħed u ieħor fl-2003.

Anne Owers, il-Kap Spettur tal-Ħabsijiet, ħarġet rapport fuq dan iċ-ċentru lejn l-aħħar tas-sena 2006; hi ddeskriviet ir-rapport fuq Harmondsworth, bħala l-iżjed wieħed batut li qatt inħareġ fuq ċentru għall-kontroll ta' l-immigrazzjoni.

L-ispetturi kellhom tħassib serju f'dak iż-żmien: iċ-ċentru ma kienx qed ilaħħaq b'mod sodisfaċenti mat-testijiet ta' l-Ispettorat biex ikun hemm ambjent ta' kustodja tajjeb.

L-Ispetturi sabu li: iżjed minn 60 % tad-detenuti qalu li kienu ħassewhom li m'humiex siguri; li 44% tad-detenuti qalu li kienu ġew vittimizzati mill-impjegati; id-detenuti ddeskrivew lill-uħud mill-uffiċjali tal-kustodja bħala 'aggressivi', 'intimidanti' u 'li ma jgħinux'.

[1] Rapport fuq spezzjoni mhux imħabbra f'Harmondsworth Immigration Removal Centre 17–21 ta' Lulju 2006 mill-HM Kap Spettur tal-Ħabsijiet

Skond l-NGOs, it-tmexxija l-ġdida fis-Sajf ta' l-2006 adottat sistema drammatikament differenti, u sar progress sinifikanti, minkejja l-irvell. Għad fadal iżjed xi jsir biex titjieb il-kultura organizzazzjonali, iżda l-enfasi żejda u eċċessiva fuq is-sigurtà qed tonqos.

Il-faċilitajiet mediċi huma iżjed estensivi mill-postijiet l-oħra tad-detenzjoni, u detenuti bi problemi ta' saħħa ħafna drabi jitmexxew lejn Harmondsworth. Madankollu, m'hemmx konsulent jew psikjatra fuq il-post.

Riċentement twaqqfet skwadra ta' l-assistenza soċjali b'sitt impjegati u riżorsi sinifikanti. Jidher li hemm volontà li jiġu indirizzati l-bżonnijiet tad-detenuti, l-iżjed problemi urġenti ta' assistenza soċjali (eż: aċċess għall-pariri legali biex jitlestew l-appelli tal-proċess Mgħaġġel, ġbir ta' propjetà) m'humiex fi ħdan l-awtorità ta' l-iskwadra ta' l-assistenza soċjali.

- 259 sodda f'2 partijiet – 154 proċess Mgħaġġel
- Ċentru tal-kura tas-saħħa tajjeb ħafna – nies fuq strajk tal-ġuħ ħafna drabi jintbagħtu hawn.
- IMB – Problema ta' nuqqas ta' kuntatt bejn skwadri ta' l-immigrazzjoni u d-detenuti.
- Il-biċċa l-kbira tal-konverżazzjonijiet jittrattaw dwar ir-raġuni għala jinsabu hemm, għala ma jistax ikollhom il-libertà provviżorja, għal kemm se jdumu hemm.
- IMB riċentement għamlu sorveljanza intensiva għall-ġimgħa waħda – l-affarijiet imxew għall-aħjar mill-aħħar rapport negattiv (spezzjoni tal-ħabsijiet HM) fis-sena 2006.

<u>Żjara mid-delegazzjoni LIBE</u>

Iż-żjara seħħet nhar il-Ġimgħa 23 ta' Novembru 2007.
Id-delegazzjoni damet hemm 45 minuta għall-kontroll tas-sigurtà. Dan kien l-uniku ċentru li fihom saru ż-żjarat fejn ġie applikat kontroll hekk strett.
Id-delegati l-ewwel iltaqgħu mas-Sinjura Sandra Parnell, Meniġer tal-BIA Harmondsworth Alan Hollett ta deskrizzjoni ġenerali ta' Harmondsworth u taċ-ċentru tad-detenzjoni.
Id-delegazzjoni ltaqgħet ukoll ma' membri ta' l-IMB.
Uħud mid-delegati tħallew iduru mal-faċilitajiet taċ-ċentru, inklużi l-parti residenzjali u ċ-ċentru edukattiv u sportiv.
Il-bqija tad-delegati li ma kinux qed iduru mal-faċilitajiet taċ-ċentru baqgħu fil-kamra tal-konferenzi.

Huma tkellmu ftit mad-detenuti.

Uħud minnhom huma "każijiet ta' Dublin II" – nies li waslu fir-Renju Unit minn Stat Membru ta' l-UE ieħor u li qed jistennew li jintbagħtu f'dak il-pajjiż.

Wieħed mill-persuni kien mil-Liberja u qal li kien ilu fid-detenzjoni 6 xhur. Persuna oħra li ġiet mill-Vjetnam kienet il-ħabs qabel u kienet ilha fiċ-ċentru 3 xhur. Resident ieħor kien mill-Ġamajka – hu kien ilu fiċ-ċentru 10 xhur, u kien qed jistenna reviżjoni ġudizzjarja. Persuni oħra ġew mis-Sri Lanka, l-Ażerbajġan, il-Pakistan, u l-Iraq. Id-detenuti lmentaw fuq id-dewmien tad-detenzjoni u dwar il-fatt li ma kinux infurmati kif xieraq dwar x'kien se jsir minnhom. Iċ-ċentru kien nadif u kellu riżorsi tajba. L-immigranti li jkollhom bżonn attenzjoni medika speċjalizzata jittieħdu fl-isptarijiet lokali.

LAQGĦA MAL-MINISTRU RESPONSABBLI GĦALL-AŻIL U L-AFFARIJIET TA' L-IMMIGRAZZJONI,
MEG HILLIER MP

Il-laqgħa mal-Ministru seħħet fit-23 ta' Novembru 2007 u damet madwar siegħa.

Il-Ministru bil-paċenzja kollha aċċettat li jsirulha mistoqsijiet u tat it-tweġibiet għalihom:

Fi tweġiba għal mistoqsija li għamel delegat dwar il-kwistjoni tad-dewmien massimu fid-detenzjoni u dwar id-detenzjoni estremament twila, kif irrappurtat f'xi każijiet mill-NGO, il-Ministru qalet li l-persuni jirrifjutaw li jitilqu volontarjament u li permezz taż-żamma ta' dawn il-persuni fid-detenzjoni, l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jafu min huma l-immigranti illegali. Rigward l-immigranti mingħajr xi forma ta' dokument ta' identifikazzjoni, passaport jew ID, il-Ministru saħqet li l-awtoritajiet nazzjonali jħeġġu lill-persuni mingħajr karti ta' identifikazzjoni biex jikkuntattjaw l-ambaxxata tagħhom u jikkoperaw sabiex jiġi aċċellerat il-proċess.

Barra dan, id-diskussjoni ffukat fuq id-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-amministrazzjoni għal dawk li jfittxu l-ażil u l-appelli. Il-Ministru wieġbet li l-Ministeru tal-Ġustizzja huwa responsabbli u li hemm proċess legali sħiħ u mħallfin li jispeċjalizzaw fil-kwistjonijiet ta' l-immigrazzjoni li jieħdu ħsieb dawk it-talbiet.

Il-membri talbu kjarifiki dwar id-detenzjoni tat-tfal fiċ-ċentri tad-detenzjoni b'referenza speċjali għal Yarl's Wood. Huma qajmu wkoll il-kwistjoni li hemm nies li fl-imgħoddi kienu kisru l-liġi li qed jitħallew jitħalltu ma' l-immigranti u dawk li jfittxu l-ażil li qegħdin detenuti fiċ-ċentru, is-sitwazzjoni tal-kura tas-saħħa, is-saħħa mentali u l-aċċess għall-internet. Il-Ministru ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li t-tfal qegħdin siguri; rigward il-bżonn li jitnaqqas in-numru tat-tfal fid-detenzjoni, hi qalet li l-gvern qed jaħdem fuq din il-kwistjoni. Rigward is-saħħa mentali u l-kura tas-saħħa, il-Ministru spjegat li hemm attenzjoni sħiħa għal dawn il-problemi. U rigward l-aċċess għall-internet, hi qalet li qed jippruvaw itejbu l-aċċess fiċ-ċentri kollha.

Delegat saqsa għala jsiru daqshekk trasferimenti ta' detenuti bejn iċ-ċentri differenti. Il-Ministru wieġbet li l-għan m'huwiex li dawn jiġu mċaqalqa minn ċentru għall-ieħor, iżda dan ikun xi kultant meħtieġ.

Id-diskussjoni kompliet bid-domanda dwar il-kriterji użati sabiex jiġi determinat kemm hi f'postha l-proċedura Mgħaġġla. Il-membri jridu jkunu jafu jekk hemmx relazzjoni mal-lista ta' pajjiżi siguri. Huma esprimew il-biżgħat tagħhom fuq il-lista, minħabba li hu possibbli li jkun hemm kontradizzjonjiet bejn il-lista ta' pajjiżi siguri tagħhom u l-pajjiżi fil-periklu u saqsew kif dawn il-kontradizzjonijiet setgħu jiġu evitati.

Il-Ministru esprimiet id-diffikultajiet li tiġi determinata n-nazzjonalità ta' l-immigranti u ta' dawk li jfittxu l-ażil. L-amministrazzjoni segwiet ċirkolari speċifika tal-ministeru rigward il-lista ta' pajjiżi siguri. Barra dan, hi spjegat li fil-preżent qed jiġi diskuss l-istatus tan-nies li qegħdin verament f'kunflitt, bħall-Iranjani u l-Afgani.

Il-membri talbu fil-bidu tal-laqgħa li jiġu mogħtija xi eżempji ta' kuntratti bejn l-awtoritajiet pubbliċi, il-kumpaniji privati li jmexxu ċ-ċentri tad-detenzjoni u anke statistiċi rigward id-dewmien tad-detenzjoni. Il-Ministru tat garanzija li kienet se tipprovdi lid-delegazzjoni tal-Parlament bit-tagħrif kollu mitlub. Sa issa l-ebda minn dan it-tagħrif jew dokumenti ma

waslu, minkejja diversi talbiet tas-Segretarjat tal-kumitat tal-Libertajiet Ċivili tal-Parlament Ewropew.

RAKKOMANDAZZJONIJIET

1. Avolja l-kundizzjonijiet fiċ-ċentri jidhru li huma ġeneralment tajbin, id-detenzjoni għandha tkun l-eċċezzjoni u mhux ir-regola ġenerali. Għad-detenuti individwali, dak li jinteressahom hu l-istat tad-detenzjoni nnifisha, u l-kwalità tad-deċiżjonijiet li wasslu għaliha.

2. Id-dewmien tad-detenzjoni għandu jkun limitat. M'għandux jintesa li fost dawk li jfittxu l-ażil, jista' jkun hemm uħud li għaddew minn esperjenzi trawmatiċi li wassluhom biex ifittxu l-ażil fl-UE.

3. Il-pariri legali u t-tagħrif waqt id-detenzjoni għandhom ikunu garantiti.

4. Id-detenzjoni tat-tfal, anke meta akkumpanjati, għandha tiġi evitata. Il-każijiet kollha fejn it-tfal għandhom ikunu mal-ġenitur jew mal-ġenituri tagħhom għandhom jiġu ttrattati b'mod differenti. Madankollu, id-detenzjoni f'każijiet fejn ma tistax tiġi evitata għandha tkun qasira kemm jista' jkun. Il-ġid u l-edukazzjoni tat-tfal għandhom jingħataw l-akbar importanza.

5. Id-detenzjoni tan-nisa tqal għandha tiġi pprojbita.

6. Għandhom jinstabu soluzzjonijiet alternattivi minflok id-detenzjoni għall-familji.

7. Jiġi assigurat li r-regoli għal nies vulnerabbli jiġu applikati fil-prattika.

8. Tiġi assigurata kura medika, psikoloġika u psikjatrika għad-detenuti.

9. Ħafna eks-ħabsin ta' nazzjonalità barranija jiġu detenuti fiċ-ċentri. Uħud minn dawn huma kriminali ordinarji. Uħud huma sempliċiment persuni li ġew ikkundannati għal dħul illegali jew dewmien iżjed milli suppost fir-Renju Unit. Ħafna minn dawn ta' l-aħħar m'għandhomx dokumenti. Eks-ħabsin ta' nazzjonalità barranija għandhom jiġu separati mill-immigranti illegali.

10. Ir-Renju Unit għandu jieħu l-miżuri kollha sabiex jitnaqqsu t-trasferimenti minn ċentru għall-ieħor fir-Renju Unit speċjalment fil-każ ta' tneħħijiet mill-Iskozja lejn u mill-Irlanda ta' Fuq fejn hemm leġiżlazzjoni differenti. Dan jaffettwa x-xogħol li jsir wara fuq każijiet legali u mediċi u jżid ir-riskju li jiġu nieqsa l-oġġetti personali tad-detenuti.

11. Titjib fiż-żjara taċ-ċentri mill-NGO u anke matul il-proċedura tar-ritorn.

12. Titjib fl-aċċess għall-internet fiċ-ċentri kollha.

13. Tħassib dwar il-prassi tal-proċess tas-smigħ tas-seduti dwar il-libertà provviżorja awtomatizzati (mill-bogħod) u n-nuqqas sussegwenti tal-faċilità li jkun hemm interazzjoni mal-konsulent legali.

14. Il-prattiki li ġejjin iridu jiġu segwiti fiċ-ċentri kollha ta' detenzjoni;

- Il-preżenza ta' Kumitati Indipendenti ta' Monitoraġġ,
- Servizzi ta' appoġġ u ta' pariri legali fuq il-post (bħal, pereżempju, il-Kunsill tar-Refuġjati u s-Servizz ta' Pariri dwar l-Immigrazzjoni ta' Oakington)
- L-għoti ta' informazzjoni multilingwali,
- Faċilitajiet għal prattika ta' twemmin differenti fuq il-post.

15. Peress li l-proċess Mgħaġġel jidher li hu veloċi ħafna, jista' jirriżulta f'deċiżjonijiet inġusti; il-proċess għandu jerġa' jiġi eżaminat biex il-ħeffa ma taħdimx kontra it-trattament ġust ta' kull każ individwali.

Annex 1

European Parliament
Committee on civil liberties, justice and home affairs
Delegation to UK
21-23 November 2007

LIST OF PARTICIPANTS

MEMBERS OF THE EUROPEAN PARLIAMENT

Martine ROURE – Head of delegation
Panayiotis DEMETRIOU – Rapporteur

Sarah LUDFORD
Jean LAMBERT

Philip BRADBOURN (hors quota)
Mary HONEYBALL (hors quota)
Geoffrey VAN ORDEN (hors quota)

ASSISTANTS TO MEMBERS

Edoardo BOGGIO (assistant to Giusto CATANIA)
Pauline CHAIGNE (assistant to Martine ROURE)
Eirini GEORGIOPOULOU (assistant to Panayiotis DEMETRIOU)
Alastair LITTLE (assistant to Philip BRADBOURN)
Rachel SHEPPARD (assistant to Jean LAMBERT)

STAFF OF THE POLITICAL GROUPS

Mercedes ALVARGONZALEZ (EPP-DE)
Adam ISAACS (EPP-DE)
Annie LEMARCHAL (PES)
Joëlle FISS (ALDE)
Cristine SIDENIUS (GREENS)
Chiara TAMBURINI (GUE)

STAFF OF THE SECRETARIAT OF THE COMMITTEE ON CIVIL LIBERTIES, JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Ana DUMITRACHE
Cristina RODRIGUES

STAFF OF THE EUROPEAN PARLIAMENT UK OFFICE

Dermot SCOTT

INTERPRETERS – EN and FR languages

K. TAYLOR (head of team)
S. BORDES
J. PEDUSSAUD

For further information on the delegation, please contact:

Ana DUMITRACHE
European Parliament
Committee on Civil Liberties, Justice and Home Affairs
Tel: 0032 (0)2/28 41416
Mobile phone: 0032 (0) 475 754.668
Fax: 00 32 (0)2/28 44941
E-mail ana.dumitrache@europarl.europa.eu

Annex 2

ЕВРОПЕЙСКИ ПАРЛАМЕНТ PARLAMENTO EUROPEO EVROPSKÝ PARLAMENT EUROPA-PARLAMENTET
EUROPÄISCHES PARLAMENT EUROOPA PARLAMENT ΕΥΡΩΠΑΪΚΟ ΚΟΙΝΟΒΟΥΛΙΟ EUROPEAN PARLIAMENT
PARLEMENT EUROPÉEN PARLAIMINT NA hEORPA PARLAMENTO EUROPEO EIROPAS PARLAMENTS
EUROPOS PARLAMENTAS EURÓPAI PARLAMENT IL-PARLAMENT EWROPEW EUROPEES PARLEMENT
PARLAMENT EUROPEJSKI PARLAMENTO EUROPEU PARLAMENTUL EUROPEAN
EURÓPSKY PARLAMENT EVROPSKI PARLAMENT EUROOPAN PARLAMENTTI EUROPAPARLAMENTET

European Parliament
Committee on civil liberties, justice and home affairs
Delegation to UK
21-23 November 2007

FINAL PROGRAMME

The purpose of the visit to UK is to ascertain directly the situation regarding the reception of asylum seekers and irregular migrants in UK, to check the implementation of Council Directive 2003/9/EC laying down minimum standards for the reception of asylum seekers, as well as to exchange views with government authorities and representatives of civil society.

This visit to UK follows similar delegations to Italy (Lampedusa), Spain (Ceuta and Melilla, Canary Islands), France (Paris), Malta, Greece (Samos and Athens) and Belgium.

Wednesday 21 November 2007

8:59	Eurostar train from Brussels to London
10:01	**Arrival in London** (Saint Pancras station)
10:01 – 11:00	**Travel by bus to the hotel and registration at the hotel** (NH Harrington Hall, Address: 5-25 Harrington Gardens, SW7 4JB London, Tel.: +44.20.73969696)
11:00 – 12:00	**Meeting with organisations and NGOs active in the field of asylum and immigration** (location: hotel NH Harrington Hall)

12:00 – 13:00 **Lunch** at the hotel

13:00 – 14:45 Travel by bus to the **immigration removal centre Yarl's Wood**[1] (Clapham)

14:45 – 17:00 **Visit of the centre**, discussion with the authorities

Yarl's Wood is a purpose-built immigration removal centre. Two blocks housed up to 900 detainees. One of the blocks opened in November 2001 but was closed following a disturbance and a fire in February 2002. The damaged block was razed. After extensive rebuilding, the second block opened in September 2003 with an initial capacity of 60. Capacity was expanded to 120 by August 2004, and to operational capacity of 405 by 2006. Since reopening it has become the main removal centre for women and families. [2]

17:00 – 19:00 Return travel by bus to hotel (NH Harrington Hall)

Free Dinner (suggestions for restaurants distributed to the delegation)

Night in London

Thursday 22 November 2007

8:00 – 10:00 Travel by bus to the **Oakington Immigration Reception Centre** (near Bedford)[3]

10:00 – 11:45 **Visit of the centre**, discussion with the authorities

The centre has been in operation since 2000. With an operational capacity of 300, the centre used to accommodate a mix of families, single males and single females. It was originally designed to accommodate people for maximum 10 days.
As the centre was due to close towards the end of 2006, it seems that there has been a reluctance to invest in facilities/services. However, it seems now that the functioning of the centre might be extended until June 2010. NGOs seem very concerned about the situation in this centre.
At present, it seems that only men are detained in the centre; appreciatively 40 % of them are Foreign National Prisoners (persons

[1] Yarl's Wood Immigration Removal Centre
Twinwoods Road, Clapham, Bedfordshire, MK41 6HL
[2] Report on an unannounced short follow-up inspection of Yarl's Wood Immigration Removal Centre,13 – 16 February 2006 by HM Chief Inspector of Prisons
[3] Oakington Barracks, Longstanton, Cambridgeshire, CB4 5EJ

from other countries who have finished their time in prison and are about to be returned to their country) (situation on the 8th November 2007).

11:45 – 13:45 Bus to London

13:45 – 15:00 **Lunch** in London – **proposed restaurant: Atrium**, Four Millbank, London SW1P 3JA Tel 0044 20 72 33 00 32

15:15 – 16:15 **Meeting with the Minister** in charge with asylum and migration issues, **Meg HILLIER MP**

16:15 – 17:00 Return to the hotel (NH Harrington Hall)

Free evening

Night in London

Friday 23 November 2007

8:30 – 9:30 Travel by bus to the immigration removal **centre Harmondsworth**[1] (near Heathrow Airport)

9:30 – 11:00 **Visit of the centre,** discussion with the authorities

Harmondsworth opened in September 2001. It used to be the largest immigration removal centre, holding around 500 people. Around 2,000 people each month used to pass through its reception area, at all hours of the day and night. Most spent only a short time there; though some could spend months or even years there.

Over recent years, the centre has experienced a major disturbance, and an apparently self-inflicted death. It closed in mid-2004 and reopened in October 2004. Given the closure of part of the wings, the capacity is now of 250 people.

Originally holding families as well as single men and women, it seems that at the time of the inspection carried out by HM Chief Inspector of Prisons in July 2006 Harmondsworth held single male adults only.

Number held on 17 July 2006: 481
Operational capacity: 501[2]

[1] Harmonsworth Immigration Removal Centre
Colnbrook by Pass, Harmondsworth, West Drayton, UB7 0HB
[2] Report on an unannounced inspection of Harmondsworth Immigration Removal Centre 17–21 July 2006 by HM Chief Inspector of Prisons

11:00 – 12:00:	Return travel by bus to London, to the EP Information Office
12:15 – 13:00	**Press conference** (location: the EP Information Office, 2 Queen Anne's Gate, London SW1H 9AA)
13:00 – 13:45	Bus to the hotel (NH Harrington Hall)

Free travel back

Possibilities for taking the Eurostar to Brussels:
14:32 (arrival in Brussels at 17:23), 16:05 pm, 16:55 pm, 18:32 pm, 19:35 pm

Annex 3

Organisations and NGOs
that were invited to the meeting which took place on the 21 November 2007, London

THE INDEPENDENT MONITORING BOARDS
ASSOCIATION OF VISITORS TO IMMIGRATION DETAINEES (AVID)
REFUGEE COUNCIL
IRR - INSTITUTE OF RACE RELATIONS
LIBERTY - ALSO KNOWN AS THE NATIONAL COUNCIL FOR CIVIL LIBERTIES
JESUIT REFUGEE SERVICE UK
NORTHERN IRELAND HUMAN RIGHTS COMMISSION
NATIONAL COALITION OF ANTI-DEPORTATION CAMPAIGNS
GROUP LONDON NO BORDERS
LONDON DETAINEE SUPPORT GROUP (LDSG)
BLACK WOMEN'S RACE ACTION PROJECT AND ALL AFRICA WOMEN'S GROUP

ORGANISATIONS SPECIALISED IN SPECIFIC CENTRES

YARL'S WOOD BEFRIENDERS
ASYLUM WELCOME (IRC Campfield House)
OAKINGTON FRIENDS VISITING GROUP
DOVER DETAINEE VISITING GROUP
HASLAR VISITORS GROUP

NGOS DEALING WITH LEGAL REPRESENTATION OF DETAINEES

BAIL CIRCLE
BAIL FOR IMMIGRATION DETAINEES (BID)
DETENTION ADVISORY SERVICE (DAS)
IMMIGRATION LAW PRACTITIONERS ASSOCIATION (ILPA)
REFUGEE LEGAL CENTRE (RLC)

ORGANISATION SPECIALISED IN MEDICAL MATTERS

MEDICAL JUSTICE NETWORK

ORGANISATIONS IN BRUSSELS

EUROPEAN COUNCIL ON REFUGEES AND EXILES (ECRE)
INTERNATIONAL ORGANIZATION FOR MIGRATION (IOM)
AMNESTY INTERNATIONAL
HUMAN RIGHTS WATCH (HRW)
FEDERATION INTERNATIONALE DES DROITS DE L'HOMME (FIDH)

Annex 4

The following countries are NSA designated states

NSA Countries from 1 April 2003

 Albania(ALB)

 Jamaica (JAM)

 The Former Yugoslav Republic of Macedonia (FYROM)

 Moldova (MDA)

 Serbia (SRB) including Kosovo (KOS)

 Bolivia (BOL)

 Brazil (BRA)

 Ecuador (ECU)

 Ukraine (UKR)

NSA Countries from 1 April 2003

 India (IND)

NSA Countries from 2 December 2005

 Mongolia (MNG)

 Ghana (GHA) Males only

 Nigeria (NGA) Males only

Sri Lanka (LKA) was removed from the designated list on 13 December 2006. Decisions made may still be certified on a case by case basis but should not be certified with reference to art. 94(3). This also applies to Bangladesh (BGD) which was removed from the de-signated list on 22 April 2005.

Bulgaria (BGR) and Romania (ROM) became part of the EU and were removed from the designated list with effect from 1 January 2007

NSA Countries from 28 July 2007

 Bosnia Herzegovina (BIH)

 Gambia (GMB) Males only

 Kenya (KEN)

 Liberia (LBR) Males only

 Malawi (MWI) Males only

 Mali (MLI) Males only

 Mauritius (MUS)

 Montenegro (MNE)

 Peru (PER)

 Sierra Leone (SLE) Males only

You should also refer to the Fast Track Suitability List for further clarification

Consideration of the asylum and/or human rights claim made by an individual entitled to reside in one of the above countries must only be made by NSA trained Case Owners and accredited Senior Caseworkers.
A claim from any nationality may be certified on a case by base basis.
Please refer to the Asylum Instruction on Certification under Section 94 for further details